# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001**

**Numru 104**

**Citaz. Nru. 1718/97GV**

**Doc. Nru. 74-01**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Rita Hatto**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha il-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenuta, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 692946 fil-fond 73, New Street, Paola, u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument 'A' u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-'service agreement' ezistenti bejn il-partijiet;

Premess illi skond l-istess 'service agreement' il-konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Premess illi l-konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' Lm1,779.16 (elf, seba' mija u disgha u sebghin liri Maltin u sittax-il centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz

telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ immarkat bhala dokument ‘B’;

Premess ukoll illi l-istess konvenuta giet interpellata thallas is-somma imsemmija izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Il-korporazzjoni attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ Lm1,779.16 (elf, seba’ mija u disgha u sebghin liri Maltin u sittax-il centezmu) dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 692946, liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tas-sbatax (17) ta’ Settembru, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 13 fejn eccepiet:

1. Illi zewgha kien responsabbli ghat-telefon in kwestjoni, u kien jaghmel telefonati barra bl-addocc.

2. Wara li halla lil martu u harab, issa sabet ma’ wiccha wkoll dan il-kont.

3. Illi anke jekk kellha tigi ikkundannata, hija ma tistax hlief thallas mill-ghajnuna socjali.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' LM 1779.16 (elf, seba' mija u disgha u sebghin liri Maltin u sittax-il centezmu) dovuti ghal uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz tat-telefon 692946 liema servizz kien gie stallat mill-atturi fil-fond 73, New Street, Paola u dana skond service agreement Dok A.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuta eccepiet li t-talba kellha tigi rivolta kontra zewgha li kien responsabbili ghat-telefonati.

**PROVI**

**P.L.Noel Scerri** xehed li skond l-agreement Dok a fol 5 u prospett a fol 6 il-konvenuta ghandha taghti s-somma ta' Lm 1779.16 (elf, seba' mija u disgha u sebghin liri Maltin u sittax-il centezmu). Is-servizz kien dejjem registrat fuq isem il-konvenuta u qatt ma saret talba biex isir xi transfer u dana mid-data ta' l-applikazzjoni Dok X fol 16.

Il-konvenuta xehdet li kienet irceviet kont ta' Lm 732.25 (seba' mija u tnejn u tletin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) u meta marret ghand l-atturi dawn qalulha li kien ha zball il-computer u rrangawlha l-kont u ghamluh Lm 32.25 (tnejn u tletin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu). (Dok a fol 28).

Meta rega' xehed N.Scerri hu spjega li hu ccekkja r-records u ma sabx li kien hemm in-nuqqas indikat bil-pinna mill-konvenuta fuq il-kont. Hu pprezenta itemized bill Dok a fol 36 tal-perjodu in-kwistjoni li jinkludi calls overseas u mobile.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuta qed teccepixxi li t-talba kellha tigi rivolta kontra zewgha li kien responsabbili ghat-telefonati.

Illi t-Telephone Service Regulations 1972 u senjatament ir-regolament 32(2) u (3) jipprovvdi li:

(2)"Where owing to the change of ownership, lease, tenancy or occupation of any premises, such premises cease to be qualified as a subscriber's premises in respect of a particular person, such person shall notify the Chairman (tal-Korporazzjoni) in writing within seven days of such change, and the person who thereby enters into the ownership, lease, tenancy or occupation of the premises shall likewise, within the said period, notify in writing the Chairman who may either cause the installation to be removed or allow the said latter person to retain it against payment of the appropriate charges".

(3) If the provisions of para (2) of this regulation are not complied with, then, saving any other right or remedy competent to the Chairman, the subscriber and the new owner, lessee, tenant or occupier, as the case may be, shall be jointly and severally liable for any charges and for any other moneys that may be due for rentals, calls service and cost of any damage that may be due or may become due."

Illi skond il-**P.L. Noel Scerri** fl-agreement Dok a fol 5 is-servizz kien dejjem registrat fuq isem il-konvenuta u qatt ma saret talba biex isir xi transfer u dana mid-data ta' l-applikazzjoni Dok X fol 16. Illi ghalhekk il-konvenuta kienet u ghadha responsabbili ghall-hlas tal-kont in kwistjoni.

Dwar l-ammont mitlub, l-atturi ipprezentaw prospett u itemized bill biex jiggustifikaw it-talba taghhom. Il-konvenuta semmiet okkazzjoni meta rceviet kont ta' Lm 732.25 (seba' mija u tnejn u tletin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) u wara rrizulta, skond hi, li kien sar zball. Il-P.L.Scerri spjega li fir-records taghhom m'ghandhom ebda indikazzjoni tal-korrezzjoni imsemmija mill-konvenuta. Il-konvenuta minn naha taghha ma indikatx u ma gabitx prova li dina l-korrezzjoni

saret minn naha ta' l-atturi u li huma accettaw li ssir il-korrezzjoni jew riduzzjoni fil-kont.

Finalment jigi rilevat li l-atturi kienu spjegaw ghaliex fic-citazzjoni jidher numru ta' telefon u fil-kontijiet numru iehor. (ara verbal a fol 20).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta tilqa' t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-konvenuta, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**